MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 1085/2014

**Bank of Valletta p.l.c (C 2833)**

**vs.**

**Jason u Sueann miżżewġin Vella (K.I. 57079(M) u K.I. 504782(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-28 ta' Novembru, 2014 mill-**Bank of Valletta p.l.c.** (C2833) (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "is-soċjetà attriċi"), fejn għar-raġunijiet hemm imfissra ġie premess u mitlub lil din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'ħames kuntratti, tlieta minnhom fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datati 9 ta' Awwissu, 2005 (Dok. "A"), 9 ta' Novembru, 2005 (Dok. "B") u 14*

*ta' Novembru, 2007 (Dok. "Ċ") u t-tnejn l-oħra fl-atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef, wieħed minnhom datat 11 ta' Lulju, 2006 (Dok. "D") u l-ieħor datat 18 ta' Dicembru, 2006 (Dok. "E") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Jason u Sueann miżżewġin Vella.*

2. *Illi is-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Jason u Sueann miżżewġin Vella fis-somma ta' tmien mija u sebat elef, seba' mija u tmintax-il euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€807,718.27), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Jason u Sueann miżżewġin Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F5", "G1 sa G6", Dok. "H1 sa H4", Dok. "I1 sa I3" u Dok. "J1 sa J5"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-16 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn eżebiti bħala Dok. "A", "B", "Ċ", "D" u "E"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason u Sueann miżżewġin Vella:*

    *(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Jason u Sueann miżżewġin Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Jason u Sueann miżżewġin Vella ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 2 ta' Lulju 2012, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u mmarkata Dok "K", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A", "B", "C", "D" u "E") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason u Sueanne miżżewġin Vella*

*(a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratti,*
*(b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,*
*(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Jason u Sueann miżżewġin Vella li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

(ii) *Tikkundanna lil Jason u Sueann miżżewġin Vella jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u sebat elef seba' mija u tmintax-il euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€807,718.27), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Jason u Sueann miżżewġin Vella mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F1 sa F5", Dok. "G1" sa Dok "G6", Dok."H1" sa "H4", Dok. "I1" sa "I3" u Dok "J1" sa "J5", flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-16 t'Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

Rat illi għalkemm ir-Rikors Maħluf ġie debitament notifikat lill-konvenuti, dawn naqsu milli jippreżentaw risposta maħlufa u għalhekk kienu kontumaċi.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta’ April, 2015 Dr. David Camilleri għall-istess konvenuti Jason Vella u Sueann Vella ppreżenta *seduta stante* nota ta’ ammissjoni f’isem iż-żewġ konvenuti.

Eżaminat l-atti tar-Rikors Maħluf.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw mistħoqqa, u fuq ammissjoni tal-konvenuti l-Qorti:

**<u>Decide</u>**

**Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti msemmija, billi l-konvenuti Jason u Sueann miżżewġin Vella naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess konvenuti naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenuti li jolqtu ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;**

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenuti Jason u Sueanne miżżewġin Vella jħallsu lis-soċjetà attriċi is-somma ta’ tmien mija u sebat elef, seba’ mija u tmintax-il euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€807,718.27), bilanċ għad-debitu fil-*“Loan Accounts”* taghħom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b’seħħ mis-16 t’Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenuti, biex iħallsu l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**ONOR. DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D.**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------